MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2014

Numru. 731/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**SPIRIDIONA CARUANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Spiridiona Caruana, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 306867 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar is-sebgha (7) ta` Awwissu 2014 u fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Zammet jew kellha sehem fiz-zamma ta` burdell, jew ta` dar, hanut jew lokal iehor jew ta` xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

2. U aktar talli f'Malta, f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, ghamlet biex thajjar ghal skop ta` prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali.

Il-Qorti giet finalment gentilment mitluba li f'kaz ta` htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 8 (1) (3) u 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-Fedina Penali netta tal-imputata.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputata u wara li hadet in konsiderazzjoni u l-koperazzjoni ta` l-istess imputata mal-Pulizija.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputata hatja fuq l-akkuzi li lilha gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------